

22002D0175

L 38/44

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

13.2.2003

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE****Nru 175/2002****tas-6 ta' Diċembru 2002****li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġustja l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XX tal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru149/2002 tat-8 ta' Novembru 2002 <sup>(1)</sup>.
- (2) Id-Direttiva 2002/3/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2002 dwar l-ożonu fl-arja ambjentali <sup>(2)</sup> għandha tkun inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej għandu jiġi mdaħħal wara l-punt 21af (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/839/KE) ta' l-Anness XX tal-Ftehim:

"21ag. **32002 L 0003**: Direttiva 2002/3/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2002 dwar l-ożonu fl-arja ambjentali (ĠU L 67, tad-9.3.2002, p. 14)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2002/3/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom ikunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-7 ta' Diċembru ta' l-2002, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu ngħataw lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE. (\*)

<sup>(1)</sup> ĠU L 19, tat-23.1.2003, p. 21.

<sup>(2)</sup> ĠU L 67, tad-9.3.2002, p. 14.

(\*) L-ebda ħtiġiet kostituzzjonali huma indikati.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmula fi Brussel, fis-6 ta' Diċembru 2002.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Kjartan JÓHANNSSON

---